

Konsultazzjoni pubblika dwar ir-rieżami tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020

Hemm madwar 80 miljun ċittadin b'diżabilità fl-UE, li spiss jiffaċċjaw ostakli li jwaqqfuhom milli jipparteċipaw bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Fl-impenn tagħha biex telimina dawn l-ostakli u titjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabilità, l-UE saret parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (il-Konvenzjoni tan-NU). L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni hu proċess li għadu għaddej u hu r-responsabbiltà konġunta tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. L-UE tista' taġixxi biss fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mit-trattati tal-UE. L-ewwel rieżami tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU, magħmul mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, irrikonoxxa l-progress li sar s'issa, iżda pprova wkoll xi rakkomandazzjonijiet għall-futur.

Fil-livell tal-UE, il-Konvenzjoni tan-NU hi implimentata permezz tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020. Din l-Istrateġija identifikat tmien oqsma ewlenin għall-azzjoni fil-livell tal-UE: Aċċessibbiltà, Parteċipazzjoni, Ugwaljanza, Impjiegi, Edukazzjoni u Taħriġ, Protezzjoni Soċjali, Saħħa u Azzjoni Esterna. Wara li laħqet il-punt tan-nofs fl-implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni Ewropea qed tniedi din il-konsultazzjoni pubblika sabiex tevalwa l-impatt tagħha u biex tiżgura li l-politika tal-UE tibqa' mfassla skont il-ħtiġijiet u d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità.

Dan il-kwestjonarju jitlob l-opinjoni tiegħek dwar dak li nkiseb s'issa fil-livell tal-UE, l-opinjoni tiegħek dwar l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni kollha b'diżabilità u kif l-Unjoni Ewropea għandha tindirizzahom. Napprezzaw it-tweġibiet kollha minn ċittadini, organizzazzjonijiet, awtoritajiet pubbliċi, negozji, akkademiċi u partijiet ikkonċernati oħra.

Se nużaw ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni pubblika biex nevalwaw il-progress li sar taħt l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 u biex nidentifikaw lakuni li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-UE biex tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa u ugwali ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà.

L-istħarriġ għandu jeħodlok madwar 20 minuta. Jekk jogħġbok ibgħat dan id-dokument sa 18.03. 2016 fl-indirizz tal-email li ġej:

EMPL-C3-CONSULTATION@ec.europa.eu

*L-oqsma mmarkati bi * huma obbligatorji.*

Jekk jogħġbok innota li l-kwestjonarju se juża biss il-kontribuzzjoni sħiħa tiegħek jekk ismek jew isem l-organizzazzjoni tiegħek (jekk qed twieġeb f'isem organizzazzjoni jew istituzzjoni) hu pprovdut. Jekk tagħżel li ma tipprovdix l-isem, tista' tagħżel li tagħmel kumment ġenerali biss.

*Jekk tagħżel li tagħtina ismek jew isem l-organizzazzjoni tiegħek, inti xorta tista' tagħżel li t-tweġibiet tiegħek jibqgħu anonimi meta r-riżultati jiġu ppubblikati.**

- Iva, se nipprovidi l-isem

○ *Le, nippreferi nipprovd i kumment ġenerali biss (mur għall-M 4.5)*
Id-dikjarazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta li għandha x'taqsam ma' dan l-istħarriġ hi disponibbli [hawnhekk](#).

1. Kunsens għall-pubblikazzjoni

Il-kontribuzzjonijiet riċevuti minn dan l-istħarriġ jistgħu jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea, bl-identità tal-kontributor. Taqbel li l-kontribuzzjoni tiegħek tkun ippubblikata f'ismek?*

- Il-kontribuzzjoni tiegħi tista' tiġi ppubblikata taħt l-isem indikat
- Il-kontribuzzjoni tiegħi tista' tiġi ppubblikata iżda l-isem għandu jinżamm anonimu
- Ma nixtieqx li l-kontribuzzjonijiet tiegħi jiġu ppubblikati

2. Profil tar-rispondent

Jekk jogħġbok immarka l-opzjonijiet li japplikaw għalik.

2.1 Qed twieġeb:*

- Bħala ċittadin individwali, għan-nom tiegħi biss
- F'isem organizzazzjoni (*mur għall-mistoqsija 2.11*)

2.2 X'jismek?*

[test liberu]

2.3 Jien fil-grupp ta' età:*

- Taħt it-18-il sena
- 19-30 sena
- 31-49 sena
- 50-65 sena
- Aktar minn 66 sena

2.4 X'inh u s-sess tiegħek?*

- Mara
- Raġel
- Ieħor
- Ebda tweġiba

2.5. Għandek xi diżabilità, jiġifieri, indeboliment fuq perjodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tiegħek fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor?*

- Iva (*aqbeż il-M 2.7*)

- Le (*mur għall-M 2.7*)
- Ebda twegjiba

2.6 Id-diżabilità tiegħek ġiet formalment rikonoxxuta?*

- Iva
- Le

2.7 Le, *

- Jien nieħu ħsieb persuna(i) b'diżabilità bħala membru tal-familja jew bħala persuna mhux imħallsa
- Ix-xogħol formali tiegħi hu li nieħu ħsieb persuni b'diżabilità (xogħol imħallas)
- Jien naħdem ma' jew nimpjega persuna b'diżabilità
- M'għandi l-ebda konnessjoni personali ma' kwistjonijiet ta' diżabilità
- Oħrajn [*test liberu sa 200 karattru*]

2.8. Liema hu l-pajjiż tan-nazzjonalità tiegħek?*

[*test liberu*]

2.9 F'liema pajjiż tgħix?

[*test liberu*]

2.10 Bħalissa għandek impjieg jew qed issegwi edukazzjoni jew taħriġ?*

- Naħdem fis-settur privat
- Naħdem fis-settur pubbliku
- Nagħmel xogħol imħallas f'organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili (inkluż organizzazzjonijiet tad-diżabilità)
- Nagħmel xogħol mhux imħallas (bħal volontier)
- Qed insegwi edukazzjoni jew taħriġ
- Irtirat
- Persuna bla xogħol
- Ebda twegjiba

(*Il-mistoqsijiet 2.11 sa 2.16 huma għall-organizzazzjonijiet biss, aqbiżhom jekk int individwu*)

2.11 X'inhu l-isem tal-organizzazzjoni tiegħek?

[*test liberu*]

2.12 X'tip ta' organizzazzjoni tirrappreżenta?*

- Settur privat
- Settur pubbliku
- Organizzazzjoni Mhux Governattiva (NGO)
- Organizzazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità (DPO) - riżervata għal organizzazzjonijiet li fihom persuni b'diżabilità huma f'pożizzjonijiet ta' tmexxija jew huma membri tal-bord

- Oħrajn **[test liberu sa 200 karattru]**

2.13 F'liema livell taħdem l-organizzazzjoni?

- Livell internazzjonali
- Livell tal-UE
- Livell nazzjonali
- Livell reġjonali jew lokali

2.14 L-organizzazzjoni tiegħek hi rreġistrata fir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE?*

- Iva
- Le **(mur għall-M 2.16)**

2.15 X'inhu n-Numru ta' Identifikazzjoni?*

[test liberu]

([Ir-Reġistru ta' Trasparenza](#)):

2.16 L-organizzazzjoni tiegħek timpjega persuni b'diżabilità?*

- Iva
- Le

3. L-opinjoniġiet tiegħek dwar is-sitwazzjoni attwali ta' persuni b'diżabilità

3.1 Jekk jogħġbok indika kemm taqbel jew ma taqbilx ma' dawn id-dikjarazzjonijiet:*

	Naqbel ħafna	Naqbel	Newtrali	Ma naqbilx	Ma naqbel xejn	Ma nafx
Il-persuni b'diżabilità jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ f'attivitajiet ta' kuljum bħal ċittadini oħra						
Il-persuni b'diżabilità igawdu l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini l-oħra						
Il-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-attivitajiet ta' kuljum tagħhom minħabba d-diżabilità tagħhom						

Iċ-ċittadini tal-UE b'diżabilità isibuha aktar diffiċli biex jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor minn ċittadini oħra tal-UE						
---	--	--	--	--	--	--

3.2 Mill-problemi li ġejjin, liema taħseb li huma l-iktar importanti għall-persuni b'diżabilità? * *[bejn għażla 1 u 5 għażliet]*

- In-nuqqas ta' aċċess għall-bini
- In-nuqqas ta' aċċess għat-trasport
- In-nuqqas ta' aċċess għall-internet u t-teknoloġiji ta' komunikazzjoni
- In-nuqqas ta' aċċess għal prodotti u servizzi oħra
- In-nuqqas ta' opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol
- In-nuqqas ta' opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni
- In-nuqqas ta' appoġġ għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità (bħal edukazzjoni adegwata jew servizzi terapewtiċi)
- In-nuqqas ta' aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa (tobba, sptarijiet, eċċ.), inkluż appoġġ adattat skont l-età għat-tfal
- Ostakli għall-moviment liberu fi ħdan l-UE
- Diskriminazzjoni (inkluż diskriminazzjoni doppja, bħal pereżempju lejn in-nisa b'diżabilità u tfal b'diżabilità)
- Diffikultà li jgħixu b'mod indipendenti (pereżempju predominanza ta' kura f'istituzzjonijiet residenzjali kbar u/jew nuqqas ta' servizzi fil-komunità)
- Diffikultà biex jipparteċipaw fil-ħajja politika u pubblika
- Diffikultà biex jipparteċipaw fil-ħajja kulturali, rikreazzjoni, ħin liberu u sport
- Diffikultajiet li jirriżultaw mit-tfassil tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjeg jew skemi ta' protezzjoni soċjali (bħal telf ta' allowance ta' diżabilità meta jidħlu fis-suq tax-xogħol, indipendentement mill-paga)
- Diffikultà li jinstemgħu fi kwistjonijiet li jaffettwawhom
- In-nuqqas ta' taħriġ relatat mad-diżabilità għal professjonisti li jistgħu jitrattaw persuni b'diżabilità matul il-ħajja professjonali tagħhom (bħal għalliema, tobba u avukati)
- Il-faqar u dħul baxx
- Ostakli għar-rikonoxximent u l-eżerċizzju tal-kapaċità legali
- Trattament ħażin (bħal vjolenza, abbuż jew negliġenza ta' libertà u dinjità)

3.3 Hemm sfidi partikolari li tista' tidentifika għal tfal b'diżabilità li huma differenti minn dawk l-isfidi li jiffaċċjaw l-adulti b'diżabilità?

[Oħrajn [test liberu sa 300 karattru]]

3.4 Qatt esperjenzajt personalment xi problemi msemmija fil-mistoqsija preċedenti (3.2)? *

- Iva
- Indirettament biss, permezz tal-esperjenza ta' membri tal-familja
- Indirettament biss, permezz tal-esperjenza ta' ħbieb
- Indirettament biss, permezz tal-esperjenza ta' kollegi
- Le
- Ebda tweġiba

3.5 Hemm xi oqsma oħra fejn taħseb li ħajjet il-persuni b'diżabilità tista' tkun imtejba?

- Oħrajn [*test liberu sa 200 karattru*]
- Le
- Ebda tweġiba

3.6 Taf bl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020?*

- Iva
- Le
- Ebda tweġiba

4. L-impatt tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità għall-perjodu 2010-2015

4.1 Ħames snin wara l-adozzjoni tal-Istrateġija, kemm tjebet is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità f'dawn l-oqsma ta' prijorità definiti fl-Istrateġija?*

	Ħafna	Mhux ħażin	Sa ċertu punt	Ftit	Xejn affattu
Aċċessibilità ta' prodotti u servizzi inklużi servizzi pubbliċi u apparat ta' assistenza					
Parteċipazzjoni fis-soċjetà permezz ta': - tgawdija tal-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-UE; - tneħħija tal-ostakli amministrattivi u attitudinali għal parteċipazzjoni sħiħa u ugwali; - l-għoti ta' servizzi ta' kwalità bbażati fil-komunità, inkluż l-aċċess għall-assistenza personali.					
Ugwaljanza: Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità.					
Impjiegi: Dħul ta' paga mis-suq tax-xogħol miftuħ.					
Edukazzjoni u taħriġ: Edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja inklużivi għal studenti b'diżabilità.					
Protezzjoni soċjali: Kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti.					
Saħħa: Aċċess ugwali għal servizzi tas-saħħa u faċilitajiet relatati.					
Azzjoni esterna: Promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità fl-azzjoni esterna tal-UE.					

- Ebda tweġiba

4.2 Liema fatturi kienu iktar determinanti biex jinkiseb progress, anke jekk limitat?*
(*Iktar minn tweġiba waħda possibbli*)

- Azzjoni ta' politika tal-UE
- L-użu ta' fondi tal-UE
- Żviluppi fuq il-livell nazzjonali
- Inizjattivi privati
- Opinjoni pubblika/ tibdil fil-mentalità
- Kondizzjonijiet ekonomiċi
- Skoperti xjentifiċi ġodda u/jew bidla teknoloġika
- Promozzjoni minn gruppi ta' interess u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs)
- Illobbjar tan-negozju
- Attività politika oħra li ħalliet impatt fuq il-politika tad-diżabilità
- Ma nafx

Jekk tixtieq iżżid xi ħaġa jew tagħti eżempji:

[*test liberu sa 300 karattru*]

4.3 Jekk jogħġbok ikklassifika s-sodisfazzjon ġenerali tiegħek b'dak li nkiseb f'dawn l-aħħar ħames snin (2010-2015) sabiex titjeb is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità: *

- Sodisfatt ħafna
- Sodisfatt
- Sodisfatt mhux ħażin
- M'inix sodisfatt
- Ma nafx

4.4 Liema taħseb li huma l-ostakli ewlenin għal progress iktar rapidu?*
(*Iktar minn tweġiba waħda possibbli*)

- Nuqqas ta' riżorsi umani u finanzjarji
- Nuqqas ta' rieda politika
- Nuqqas ta' leġiżlazzjoni adegwata
- Limiti għall-kompetenza tal-UE għal azzjoni
- Nuqqas ta' involviment ta' persuni b'diżabilità
- Nuqqas ta' għarfien fost il-persuni mingħajr diżabilità
- Is-sitwazzjoni ekonomika
- Nuqqas ta' pressjoni soċjali
- Stigma marbuta ma' diżabilità
- Nuqqas ta' dawk li jfasslu l-politika li jifhmu l-ispeċifità tal-bżonnijiet relatati mad-diżabilità
- Oħrajn [*test liberu sa 100 karattru*]

4.5 Kumment ġenerali:

[*test liberu sa 1500 karattru*]